MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 107/2000/1

**Anthony GAUĊI**

**vs**

**MODERN CIRCUITS LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-21 ta' Jannar, 2000, bil-proċedura sommarja speċjali li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, l-attur talab li l-Qorti taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ, u biex tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallsu s-somma ta' sebat elef tliet mija u tlieta u sittin lira Maltin (Lm 7363) bħala bilanċ lilu dovut għal xogħol b'appalt li qabbditu jagħmel għall-benefiċċju ta' ħaddieħor;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-16 ta' Frar, 2000[1], li bih waqfet milli tgħaddi għall-qari tas-

[1] Paġ. 12 tal-proċess

sentenza fuq talba li saritilha dak inhar stess b'rikors imressaq mill-kumpannija mħarrka sabiex titħalla tikkontesta l-kawża;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-21 ta' Frar, 2000, li bih tat lill-kumpannija mħarrka żmien biex tressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fil-21 ta' Frar, 2000, li biha l-kumpannija mħarrka laqgħet għat-talbiet attriċi billi qalet li ma kellhiex x'taqsam mal-attur billi hi qatt ma qabbdet lilu biex jagħmel xi xogħlijiet. Żiedet tgħid li għax-xogħlijiet li l-attur qiegħed jippretendi l-ħlas, kienet hi li qabbdet lil wieħed Paul Barbara u ftehmet miegħu u ħallsitu għas-saldu tax-xogħol kollu li sar. Fl-aħħarnett, qalet li s-somma li l-attur qiegħed jippretendi hija eżaġerata;

Rat ix-xhieda mogħtija quddiem il-Qorti;

Rat il-provi dokumentali mressqin mill-partijiet;

Rat id-degriet kamerali tagħha tat-18 ta' Ġunju, 2004[2], li bih ċaħdet it-talba magħmula mill-kumpannija mħarrka waqt is-smigħ tas-16 ta' Marzu, 2004, biex l-affidavit ta' Paul Barbara jitneħħa mill-atti tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' April, 2006, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal ħlas ta' xogħol imwettaq f'appalt. L-attur jgħid li wettaq xogħol fuq kuntratti li ħadet il-kumpannija mħarrka u li l-istess kumpannija naqset li tħallsu għalih u għal xi materjal li huwa ordna fl-istess

[2] Paġġ. 581-3 tal-proċess

xogħlijiet. Jgħid li huwa għandu jieħu 'il fuq minn sebat elef lira Maltin għal dak ix-xogħol u materjal;

Illi għal din l-azzjoni l-kumpannija mħarrka laqgħet billi qalet li hija ma kellha l-ebda rabta mal-attur. Tgħid li x-xogħol kienet ħatret lil wieħed Paul Bartolo biex jieħu ħsiebu u l-attur jaf lil dan u mhux lilha. Tgħid li lil Bartolo ħallsitu ta' kollox. U tgħid ukoll li l-ammont mitlub huwa għoli żżejjed;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti ewlenin li joħorġu mill-atti tal-kawża, jirriżulta li l-kumpannija mħarrka kienet rebħet kuntratti ta' appalt privat minn xi sidien ta' pompi tal-*petrol* f'inħawi differenti f'Malta. Għal dan, hija kienet iġġib biċċa mill-impjant (jiġifieri t-tankijiet tal-ħażna u katusi), u, għall-bqija tax-xogħol (tħammil u għoti ta' konkos) kienet tqabbad lil kuntratturi. Fil-każijiet ta' appalti mwettqa bejn l-1998 u l-1999, kienet qabbdet lil wieħed Paul Barbara, li kien kuntrattur. L-attur ħadem fit-tliet appalti. Kien ukoll xtara materjal għall-għoti tal-konkos. Wara li ntemm ix-xogħol fuq l-imsemmija proġetti, Barbara kien telaq minn Malta u mar jgħix fl-Istati Uniti tal-Amerika. Il-kawża nfetħet f'Jannar tal-2000;

Illi l-kunsiderazzjonijiet legali ewlenin li jolqtu din il-kawża huma marbutin mal-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka. Hija tgħid li ma għandha l-ebda rabta kuntrattwali mal-attur u ma' dak li qiegħed jippretendi mingħandha. L-eċċezzjoni ma tiċħadx li sar ix-xogħol li għalih l-attur qiegħed jitlob il-ħlas, lanqas ma tiċħad li l-attur seta' tassew ħadem dak ix-xogħol. L-eċċezzjoni tgħid li għal dak ix-xogħol, u għal dak il-ħlas, il-kumpannija mħarrka ma qabbdet qatt lill-attur jagħmlu u lanqas ma ntrabtet miegħu li tħallsu għalih. Hija tgħid li, għalkemm kienet rebħet il-kuntratt mingħand il-kommittenti biex tagħmel dak ix-xogħol, hija kienet ħatret lil ħaddieħor – lil wieħed Paul Barbara – u lilu biss tagħraf. Fi kliem ieħor, l-eċċezzjoni ewlenija hi li l-kumpannija mħarrka mhix il-kuntradittur leġittimu tal-pretensjonijiet attriċi;

Illi huwa għalhekk meħtieġ li, qabel kull ħaġa oħra, l-Qorti tqis din l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka u dan

għaliex, jekk kemm-il darba tirriżulta minnha, ma jkun għad fadal xejn aktar x'isir għajr li teħles lill-istess kumpannija mill-ħarsien tal-ġudizzju. Dan għaliex l-eċċezzjoni tal-illeġittimita' tal-persuna hija waħda perentorja tal-ġudizzju[3] u tista' għalhekk titqajjem f'kull waqt tal-kawża, imqar fl-istadju tal-appell[4], u wkoll jekk mill-Qorti nnifisha *ex officio*[5];

Illi xieraq jingħad b'mod ġenerali li s-sejbien minn Qorti li tali persuna hija kontradittur leġittimu m'għandhiex tissarraf f'konklużjoni definittiva li tali persuna hija l-ħatja jew li b'hekk stqarret il-ħtija tat-talba magħmula kontriha f'dik il-kawża. Id-dikjarazzjoni ta' Qorti li parti f'kawża tkun kontradittur leġittimu ma tifisser bl-ebda mod li dik il-Qorti ma tistax, meta tqis l-eċċezzjonijiet ta' dik il-parti u wara li tkun semgħet it-trattazzjoni tal-każ fil-mertu, aktar 'il quddiem tasal għall-fehma li dik il-parti ma kellha xi twieġeb xejn għall-ħtijiet jew għad-djun attribwiti lilha mill-parti attriċi[6];

Illi l-qofol ta' l-azzjoni attriċi fil-każ preżenti jintrabat ma' talba għal ħlas dipendenti mal-eżistenza ta' ftehim, jew aħjar obbligazzjoni. Ir-rwol tal-partijiet involuti joħroġ minn dik l-obbligazzjoni u huwa determinabbli minnha. Hija regola ewlenija fid-dritt dwar l-effett tal-obbligazzjonijiet, li wieħed jitqies li wiegħed jew ftiehem għalih innifsu[7], sakemm il-kuntrarju ma jkunx stabilit espressament mil-liġi, jew mill-partijiet infushom, jew jekk il-ftehim innifsu jgħid mod ieħor. Minbarra dan, fi ftehim magħmul minn persuna f'isimha, hija dik il-persuna li tintrabat jew tobbliga ruħha[8]. Fil-każ ta' kitba li tkun saret dwar il-bejgħ jew fornitura ta' merkanzija f'isem persuna partikolari, ma jistax jingħad li din kienet xi obbligazzjoni li tkun saret għall-benefiċċju ta' terza persuna[9], u għalhekk jidher li japplika l-prinċipju li l-ftehim għandu effett bejn dawk li

---

[3] App. Ċiv. **3.2.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Dacoutros noe vs Petrococchino et*** ( Kollez. Vol: **XXXIV.i.321**)
[4] P.A. **28.6.1927** fil-kawża fl-ismijiet ***Cutajar vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XXVI.ii.477**); u App. Ċiv. **19.7.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Soċjeta' Filarmonika 'La Stella' vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.625**)
[5] Kumm. **15.1.1907** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech noe vs Darmanin*** (Kollez. Vol: **XX.iii.1**)
[6] Ara App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Franz Refalo et vs Jason Azzopardi et*** (mhix pubblikata)
[7] Art. 998 tal-Kap 16
[8] Art. 999(1) tal-Kap 16
[9] Art 1000 tal-Kap 16

kkuntrattawh biss u ma jistax ikun ta' ġid jew ta' ħsara għal ħaddieħor[10];

Illi f'dan il-każ, il-kumpannija mħarrka tisħaq li hija kienet ftehmet biss ma' Paul Barbara dwar it-twettiq tal-appalti minnha mirbuħa. Hija tfisser[11] il-ħatra minnha ta' dan Barbara bħala ħatra ta' *project manager* jew sub-appaltatur, bis-setgħa li jmexxi kif l-aħjar jidhirlu x-xogħol li kellu jsir, magħdud ma' dan l-għażla tan-nies li kien jeħtieġ iqabbad biex ix-xogħol isir sewwa[12]. Barbara ma kienx impjegat tal-kumpannija mħarrka;

Illi, min-naħa tiegħu, l-attur jgħid li kien mar ma' Bartolo għand il-kumpannija mħarrka (rappreżentata dak inhar minn Gordon Mercieca) u hemmhekk saritlu l-offerta dwar il-kundizzjonijiet tal-ħlas[13]. B'dan huwa jgħid li l-kumpannija mħarrka kienet taf sa mill-bidunett li huwa wkoll kien issieħeb ma' Barbara fit-twettiq tal-appalti. Ma' dan iżid il-fatt li huwa kien ikun preżenti fuq il-lantijiet tax-xogħol mertu tat-tliet appalti li ngħatat il-kumpannija mħarrka u kif ukoll bil-fatt li xi ħlasijiet tax-xogħol imwettaq saru minnha lilu direttament;

Illi fil-każ tal-għoti ta' appalt il-liġi ma titlobx li l-ftehim għandu jsir bil-miktub. Fil-prattika, dan ifisser li l-ħatra li tingħata biex wieħed jagħmel xi ħaġa għal ħaddieħor tieħu s-sura ta' mandat u għaliha japplikaw ir-regoli tal-kuntratt tal-mandat, li miegħu l-appalt għandu xebh. Għalkemm min irid jagħmel l-affarijiet sewwa s-soltu jieħu ħsieb li jiżgura li l-appalt ikun mibni fuq ftehim miktub bid-dettalji kollha tax-xogħol li huwa meħtieġ li jsir u bir-rati miftehma, jiġri wkoll li drabi oħra l-ħatra ssir bil-fomm biss u din taf tħalli taħwid dwar in-natura vera tal-istess ħatra u tal-kundizzjonijiet li taħthom tkun magħmula, kif seħħ f'dan il-każ;

Illi r-rabta ġuridika li tinħoloq minn ftehim ta' appalt hija waħda personali b'mod li titnissel presunzjoni *iuris tantum* li min kien qiegħed jikkontratta għamel hekk f'ismu

[10] Art 1001 tal-Kap 16
[11] Xhieda ta' Daniela Grioli 11.6.2003, f'paġ. 156 tal-proċess
[12] Xhieda ta' Gordon Merċieca 2.12.2003, f'paġ. 569 tal-proċess
[13] Xhieda tal-attur 24.3.2000, f'paġ. 29 tal-proċess

personalment. Biex dik il-preżunzjoni titwaqqa', min jallega li persuna kienet qegħda tiftiehem għal ħaddieħor irid juri li l-parti l-oħra wkoll kienet taf b'dan[14]. Minbarra dan, għalkemm hu minnu li tnejn jistgħu jiftehmu bejniethom u jħallu wħud mill-obbligi taħt dak il-ftehim tagħhom biex jitwettqu minn terz, ftehim bħal dan ma jġibx li t-terz sar parti fil-kuntratt jew li twassal biex dak it-terz jintrabat li jħallas lill-kreditur dak li kellu jitħallas mid-debitur veru tal-obbligazzjoni[15];

Illi ngħad li l-piż tal-prova li min ikkuntratta jkun għamel hekk f'isem ħaddieħor jaqa' fuq min jagħmel allegazzjoni bħal din[16], u f'każ ta' dubju, il-mandat għandu jiġi eskluż u applikati l-prinċipji ewlenin fuq imsemmija, fosthom u mhux l-anqas dak li l-kuntratti għandhom jiġu segwiti bil-bona fidi[17];

Illi meta wieħed japplika dawn il-prinċipji mal-fatti li jirriżultaw mill-atti, toħroġ il-fehma li l-kumpannija mħarrka ma kellha l-ebda rabta ġuridika mal-attur u li r-rabtiet kuntrattwali tagħha kienu ma' Barbara u li l-attur jaf il-jeddijiet tiegħu lil dan;

Illi l-Qorti tasal għal din il-fehma minn għadd ta' ċirkostanzi. Ewlenija fosthom wieħed jirrileva r-rwol determinanti ta' Paul Barbara fil-ġrajja kollha. Minn kliem l-attur innifsu[18], kien Barbara li ħadu jkellem lid-direttur tal-kumpannija mħarrka dwar ix-xogħlijiet appaltati, u kien Barbara li offrielu r-rata li, eventwalment, l-attur aċċetta u ħadem il-bażi tal-pretensjonijiet attriċi fuqhom. Daqstant ieħor, l-attur jistqarr[19] li kien Barbara li jgħidlu x'għandu jagħmel u li ħajru biex jaħdem f'lantijiet oħra tax-xogħol. Il-ħlas tal-appalti mwettqa kellu jsir mill-kuntrattur (il-kumpannija mħarrka) lil Barbara u x-xogħol li kien jaħdem l-attur kien ikun approvat minn Barbara u mhux mill-kumpannija mħarrka. Meta l-attur kien ippressat minn Charlie Busuttil (ix-xerrej tal-JCB li l-attur partat ma' xiri ta'

---

[14] App. Ċiv. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa et noe et vs Feliċe*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.ii.358)**
[15] App.Ċiv. **30.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Lino Chircop vs Direttur tal-Kuntratti et.***
[16] Kumm. **27.4.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċilia noe vs Scicluna*** (Kollez. Vol: **LXXVI.iv.673**)
[17] Art. 993 tal-Kap 16
[18] Xhieda tiegħu 24.3.2000, f'paġġ.24 u 29 tal-proċess
[19] *ibid.*, f'paġ. 31, 26.5.2000, f'paġ. 38 u 3.12.2001, f'paġ. 96 tal-proċess

materjal) biex iħallas tal-materjal konsenjat, l-attur ħadu għand Barbara biex iserraħlu moħħu li l-ħlas kien se' jsir[20]. Persuni oħrajn li għandhom saru xi xogħlijiet jiddikjaraw li jafu lill-attur minħabba Barbara[21]. Hemm ċirkostanzi oħrajn li jikkonfermaw din il-fehma;

Illi, kif ingħad, uħud mill-ħlasijiet tax-xogħol imwettaq saru mill-kumpannija mħarrka direttament lill-attur. F'ċirkostanzi normali, din kienet tkun prova tar-rabta diretta li kienet teżisti bejnha u bejnu. Imma, f'dan il-każ, irriżulta li (a) tali ħlasijiet saru lill-attur fuq talba ta' Barbara nnifsu[22] u (b) xorta waħda wara li Barbara ivverifika t-twettiq tax-xogħol. Minbarra dan, jidher f'dan il-każ li l-ħlas effettwat lill-attur mill-kumpannija mħarrka kien ħlas b'delega. Il-kumpannija mħarrka kienet qegħda tonora struzzjoni tal-kontroparti kuntrattwali tagħha. Dan ifisser għalhekk, li r-rabta kuntrattwali ewlenija kienet bejn il-kumpannija mħarrka u Barbara u dak il-ħlas kien biss il-mod partikolari tat-twettiq ta' dik ir-rabta;

Illi għalhekk jidher li għandha raġun il-kumpannija mħarrka li tgħid li ma kellha l-ebda ftehim mal-attur u li ma kinitx il-persuna li hu kellu jfittex għal xi ħlas li għadu jippretendi għax-xogħol minnu mwettaq. Minħabba f'hekk, l-ewwel eċċezzjoni tagħha sejra tintlaqa';

Illi fid-dawl ta' din il-fehma u l-effetti li l-eċċezzjoni milqugħa ġġib magħha, l-Qorti m'għandhiex għalfejn tgħaddi biex tistħarreġ il-bqija tat-talbiet attriċi fil-mertu;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-kumpannija mħarrka u tiddikjara li l-istess kumpannija mħarrka ma kellha l-ebda rabta legali mal-attur u b'hekk mhix il-kuntradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi u teħlisha milli tibqa' aktar fil-ġudizzju, bi **spejjeż għall-attur**.

[20] Xhieda ta' Charlie Busuttil 30.10.2000, f'paġ. 65 tal-proċess
[21] Xhieda ta' Anġlu Fenech 15.12.2005, f'paġ. 607 tal-proċess
[22] Xhieda ta'Gordon Merċieca 2.12.2003, f'paġ. 570 tal-proċess

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------